**14 ta' Diċembru, 1964.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A. LL.D., President.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**
**Onor J. Flores, B.L.Can., LL.D.**

Italia armla min Alfredo Demarco et.

*versus*

Giorgio Demarco et

## SOĊJETA IN LIKWIDAZZJONI — PROVVEDIMENTI

*Fil-każ ta' soċjeta in likwidazzjoni jmiss lill-Qorti li taghti il-provvedimenti li huma fl-aħjar interess ta' kulhadd, fil-konflitt ta' opinjoni bejn l-interessati.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors tal-konvenuti li bih appellaw mid-digriet moghti mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maesta Tagħha fis-sitta u għoxrin ta' Mejju, 1964.

B'dak id-digriet dik l-Onorabbli Qorti kienet:—

(1) Ċaħdet it-talba tal-konvenuti magħmula bir-rikors tagħhom tas-sittax ta' Mejju, 1964 sabiex l-istralċjarju Edward Arrigo jiġi awtorizzat jagħti l-kunsens tiegħu għall-kanċellament tan-noti ipotekarji rigward debitu ta' tmien telef lira (£8,000) dovut lid-ditta in likwidazzjoni minn Alfred Mizzi & Sons hekk kif l-istess stralċjarju jirċevi garanzija bankarja mid-ditta debitriċi.

(2) Ipprovdiet fuq ir-rikors ta' l-atturi tat-tletin ta' April, 1964 billi tat lill-istralċjarju żmien ta' ħmistax-il-ġurnata biex jottempera ruħu mad-digriet tat-tmienja ta' April, 1964 u jottjeni garanzija bankarja a tenur tal-kondizzjonijiet fil-paragrafi a) sad d) ta' l-ittra annessa mar-rikors tal-konvenuti tas-sittax ta' Mejju, 1964 indirizzata lid-difensuri ta' l-konvenuti minn Dottor G.G. Gatt

(3) Ordnat li jekk jgħaddi inutilment iż-żmien imsemmi hawn fuq fin-numru 2), li stralċjarju jottempera ruħu ma l-ewwel digriet ta' l-għoxrin ta' Jannar, 1964 billi jieħu l-passi meħtieġa biex jinkassa l-imsemmi kapital ta' tmien telef lira (£8,000) u l-imgħaxijiet relativi u jinvesti l-flus f'Defence Bonds, kollox kif ordnat u skond l-awtorizzazzjonijiet mogħtija fl-istess digriet ta' l-għoxrin ta' Jannar, 1964.

Issa fir-rikors ta' l-appell il-konvenuti qegħdin jitolbu illi l-imsemmi digriet ta' l-ewwel Qorti tas-sitta u għoxrin ta' Mejju, 1964 jiġi revokat in kwantu bih ġiet miċħuda t-talba tagħhom imsemmija fin-numru (1) hawn fuq, u li, minflok, dik it-talba tiġi milqugħa u li stralċjarju jiġi awtorizzat biex, appena jottjeni l-garanzija bankarja fil-mod li ordnatha l-ewwel Qorti, jaddivjeni fuq l-att opportun

għall-kanċellament tan-nota ipotekarja iskritta kontra d-ditta debitriċi Alfred Mizzi & Sons bis-saħħa tal-kuntratt ta' kostituzzjzoni ta' debitu tad-disgħa u għoxrin ta' Ottubru, 1957 fl-atti tan-Nutar Dr Alexander Grech, bl-ispejjeż kontra l-atturi appellati.

Fir-risposta tagħhom, l-atturi qalu illi d-digriet appellat hu ġust u jimmerita li jiġi konfermat bl-ispejjeż.

Trattat l-appell, il-Qorti kkunsidrat:—

Il-kwistjoni nvoluta f'dan l-appell hi, fil-fehma tal-Qorti, purament waħda ta' esperjenza u nteress prattiku: ċioe x'jaqbel għall-kulħadd.

M d-digriet ta' l-ewwel Onorabbli Qorti tat-tmienja ta' April, 1964 jidher illi anki dik il-Qorti kienet irrikonoxxiet illi, purke jġu soddisfatti ċerti kondizzjonijiet, kien utili għall-kulħadd illi l-flus in kwistjoni jibqgħu nvestiti kif inhuma, fejn qegħdin jirrendu l-imgħax tas-sitta fil-mija, flok jġu inkassati u ri-investiti f'Defence Bonds bl-imgħax ta' l-4½%, sa kemm issir il-likwidazzjoni. Il-kondizzjonijiet preskritti f'dak id-digriet kienu illi d-ditta debitriċi iġġib garanzija bankarja solidali għall-flus tal-kapital a sempliċi rikjesta ta' l-istralċjarju u l-imgħax relativi meta jkunu dovuti — liema mgħax kellhom jitħallsu lill-istralċjarju. Din il-garanzija bankarja kellha tkun approvata mill-atturi jew id-difensuri tagħhom.

Attwalment ir-restituzzjoni tal-kapital u, naturalment anke, il-ħlas ta' l-imgħax huma kawtelati b'ipoteka (preżumibilment ġenerali) fuq il-beni tad-ditta debitriċi.

Kif jidher mid-dokument A eżibit mar-rikors tal-konvenuti tas-sittax ta' Mejju, 1964 id-ditta debitrici pprokurat garanzija li n-National Bank of Malta hu ppreparat li jagħti. Il-forma ta' din il-garanzija kif proposta minn Dottor Giuseppe Gatt ġiet aċċettata mill-konvenuti: iżda, kif jidher mid-dok. C anness ma l-istess rikors tal-konvenut, Dottor Albert Ganado għall-atturi, ippropona illi

(a) il-garanzija tingħata mill-Bank f'att bil-miktub debitament iffirmat mill-istralċjarju u minn funzzjonarju jew funzzjonarji tal-Bank li, skond il-kostituzzjoni tiegħu, huma awtorizzati għal daqshekk.

(b) il-garanzija għandha tikkopri tant il-kapital kemm l-interessi.

(c) l-ispejjeż kollha għandhom jiġu supportati middittà debitriċi.

(d) l-ipoteka iskritta kontra d-ditta debitriċi ma għandiex titħassar; u

(e) l-arranġamenti neċessarji għandhom jiġu finalizzati mill-aktar fis.

Il-kwistjoni li qajmu l-konvenuti u li issa tifforma l-meritu ta' dan l-appell, tirrigwarda biss il-kondizzjoni hawn fuq riportata taħt l-ittra (d). Huma qalu illi d-ditta debitriċi fil-waqt li kienet disposta li taċċetta il-forma tal-garanzija kif suġġerita minn Dr. Gatt (u, la l-konvenuti ma qalu xejn kuntrarju fuqhom, anki l-kundizzjonijiet l-oħra suġġeriti minn Dottor Ganado kif riportati hawn fuq), dik id-ditta pero kienet naturalment tippretendi illi, darba li tingħata l-garanzija bankarja, ma jkun hemm ebda raġuni li tibqa' veljanti l-iskrizzjoni ta' l-ipoteka.

L-ewwel Onorabbli Qorti dehrilha illi, għalkemm garanzija bankarja tista' tkun suffiċjenti biex tikkawtela d-drittijiet eventwali tal-kredituri, b'dana kollu ma kienetx tal-fehma illi l-garanzija ipotekarja kellha tiġi rinunzjata u dan għaliex il-kanċellament tal-garanzija jippresupponi l-pagament tad-debitu u ma hemm ebda raġuni għaliex il-kreditur għandu jirrinunzja għal kawtela li għandu dritt għaliha "ex contractu."

Ġa ntqal fil-bidu illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-kwistjoni ma hiex verament waħda legali iżda hi sempliċement waħda ta' konvenjenza prattika. Ċertament bħala massima hu veru illi l-kanċellament ta' ipoteka jippresupponi l-ħlas tad-debitu li kreditur ma jistax jiġi kostrett li jirrinunzja għal garanzija derivanti favur tiegħu minn kuntratt. Iżda dan ovvjament ma jfisserx illi, bi ftehim ġdid, ma jistax kreditur jaċċetta garanzija oħra offerta lilu mid-debitur u jissostitwiha għal dik ipotekarja mingħajr ma jsir il-ħlas. Jekk il-kreditur ikunx jaqbillu jew le jiddipendi miċ-ċirkostanzi.

Fil-każ preżenti d-debitur qed joffri garanzija bankarja flok dik ipotekarja li hissa teżisti. Kontra s-suffiċjenza ta' dik il-garanzija xejn ma ntqal mill-atturi. Mill-punto di vista tal-faċilita u speditezza tar-realizazzjoni jidher ċar li dik il-garanzija hi aħjar mill-garanzija ipotekarja. Il-konvenuti li huma sitta mis-seba' kredituri nteressati jridu jaċċettaw dan l-arranġament għax jidhrilhom li jaqblilhom u li mhux ta' ebda preġudizzju għall-atturi. L-atturi, pero li jirrappreżentaw wieħed minn seba tal-kreditu, qed jopponu dak l-arranġament: fl-istess ħin, pero, ma jidhrux li jinnegaw illi l-garanzija bankarja offerta hi, fiha nnifisha, kompletament idonea bħala kawtela tal-ħlas tal-kreditu, u min-naħa l-oħra anqas urew raġuni, hi x'inhi, li minħabba

fiha dak l-arranġament jista' jkun ta' xi preġudizzju għalihom. Huwa veru illi fir-risposta tagħhom għar-rikors tal-konvenuti tat-tlettax ta' Marzu, 1964 l-atturi għamlu diversi allegazzjonijiet li l-arranġament propost ser isir biss, realment fl-interess tad-ditta debitriċi, iżda dak li jirriżulta mill-proċess — u dan hu dak li l-Qorti għandha quddiemha — hu illi, fil-kontinġenzi preżenti tal-kawża, hu fl-interess tal-kredituri kollha illi l-flus jibqgħu mpjegati kif inhuma, biex sa kemm jiġu inkassati għad-distribuzzjoni, ma jintilfux mgħaxijiet u ma' jiġux inkorsi spejjeż.

Trattandosi ta' soċjeta in likwidazzjoni, jmiss lill-Qorti li tagħti l-provvediment, fil-konflitt ta' opinjoni bejn l-interessati, li huma fl-aħjar interess ta' kulħadd, u din il-Qorti, bir-rispett kollu għall-ewwel Onorabbli Qorti, ma jidhriliex illi l-opposizzjoni ta' l-atturi, destitwita minn kull prova ta' raġuni fondata, għandha tipprevali.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi billi — salv dak li sejjer jingħad, tilqa' l-appell tal-konvenuti, tirrevoka d-digriet appellat u tawtorizza lill-istralċjarju biex malli jkollu f'idejh garanzija bankarja kif proposta fl-ittra ġa fuq imsemmija ta' Dottor Giuseppe Gatt, iżda redatta f'dokument debitament iffirmat mill-funzjonarju jew funzjonarji tan-National Bank of Malta li huma skond il-kostituzzjoni tal-Bank awtorizzati li jagħtuha, u li tkun tikkopri tant il-kapital tad-debitu kemm l-imgħax, hu jaddivjeni għall-kanċellament ta' l-ipoteka iskritta kontra d-ditta debitriċi; b'dana illi l-ispejjeż kollha tal-kanċellament ta' l-ipoteka tħallashom l-imsemmija ditta.

L-ispejjeż ta' prim' istanza relativi għad-digriet impunjat u ta' dan l-appell iħallsuhom l-atturi.

Iżda jekk fi żmien ġimgħatejn mil-lum id-ditta debitriċi

ma tipprokurax u tagħti f'idejn l-istralċjarju l-garanzija bankarja bil-mod kif hawn fuq intqal u ma taċċettax li tħallas l-ispejjeż kollha kif hawn fuq intqal, għall-kanċellament ta' l-ipotetika, allura f'dak il-każ l-appell ta' l-konvenuti għandu jitqies miċħud u d-degriet appellat konfermat u f'dan il-każ l-ispejjeż kollha ta' prim' istanza u ta' l-appell iħallsuhom il-konvenuti.